REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1140/2010

tas-7 ta' Diċembru 2010

li jqassam, għas-sena tas-suq 2010/2011, 5 000 tunnellata ta' fibra qasira tal-kittien u ta' fibra tal-qanneb bħala kwantitajiet nazzjonali garantiti bejn id-Danimarka, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja u l-Lussemburgu

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat- 22 ta'Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta'swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 95 flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 507/2008 tas- 6 ta'Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1673/2000 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-kittien u l-qanneb ikkoltivati għall-fibra [2] jistipula li l-5 000 tunnellata ta'fibra qasira tal-kittien u ta'fibra tal-qanneb għandhom jitqassmu bħala kwantitajiet nazzjonali garantiti, kif stipulat fl-Artikolu 94(1a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għas-sena tas-suq 2010/2011, qabel is-16 ta'Novembru tas-sena tas-suq li tkun għaddejja.

(2) Għal dak il-għan, id-Danimarka bagħtet lill-Kummissjoni tagħrif relatat maż-żoni koperti b'kuntratti ta'bejgħ/xiri, mal-impenji ta'pproċessar u l-kuntratti ta'pproċessar, u stima tar-rendiment tat-tiben u tal-fibra tal-kittien u tal-qanneb.

(3) Min-naħa l-oħra, l-ebda fibra tal-kittien jew tal-qanneb mhi se tiġi prodotta għas-sena tas-suq 2010/2011 fl-Italja, il-Greċja, l-Irlanda jew il-Lussemburgu.

(4) Abbażi ta'stimi tal-produzzjoni li jirriżultaw mit-tagħrif ipprovdut, il-produzzjoni totali fil-ħames Stati Membri kkonċernati mhix se tilħaq il-kwantità totali ta'5 000 tunnellata allokati lilhom, u l-kwantitajiet nazzjonali garantiti li jidhru hawn taħt għandhom jiġu stabbiliti.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta'Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għas-sena tas-suq 2010/2011, it-tqassim fi kwantitajiet nazzjonali garantiti stipulat fl-Artikolu 94(1a) flimkien mal-Anness XI A.II.(b) għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandu jsir kif ġej:

— Id-Danimarka	84 tunnellata;
— Il-Greċja	L-ebda tunnellata (0);
— L-Irlanda	0 tunnellati;
— L-Italja	L-ebda tunnellata (0);
— Il-Lussemburgu	L-ebda tunnellata (0).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum mill-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis- 16 ta'Novembru 2010 'l quddiem.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 149, 7.6.2008, p. 38.